

7 t'ijiem

# Italia delle Meraviglie

*Italian Lakes with a touch of Switzerland*

**Grupp A* 17 – 23 t'April B* 19-25 ta' Mejju Ċ* 09 – 15 ta' Gunju**

**Lago Maggiore, Lago di Como, Lago d'Orta, Lago di Lugano, Ascona, Lugano, Como, Bellaggio, Lake Orta, Macugnaga, Borromeo Islands, Stresa, Bergamo, Isola San Giulio.**

**l-Ewwel Jum**

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-10.30 għat-titjira KM624 li ttir fis-12.35 u naslu Milan fis-14.40. Transfer bil-kowċ lejn **Arona** fejn ser inkunu akkomodati ġewwa **Hotel Concorde 4 star**. Sistemazzjoni tal-kmamar u wara mat-tour leader immorru dawra saċ-ċentru tal-belt. Ċena fil-hotel.

**It-Tieni Jum**

Buffet breakfast. Nofs ta' nhar liberu, illum ġewwa **Arona** għax jarma is-suq fejn issibu dak kollu li tridu. Għal ħabta tan-12.30 eskursjoni għal **Lago D'Orta** li hu wieħed mill-isbaħ **Lagi tal-Italja**. Vjaġġ qasir iwassalna ġewwa **Orta**. Dawra mal-leader fejn inżuru **Sacro Monte-** ddedikat lil San Franġisk. Hawn insibu 20 kappella li jiddeskrivu episodji mill-ħajja u l-mirakli ta' San Franġisk. Issa jmiss li nżuru Orta, fejn dawra mal-leader teħodna matul it-toroq dojoq u tant pittoreski ta' din il-belt. Naraw **it-Town Hall u mill-ġnien** ingawdu Panorama sabiħa tal-lag u Isola San Guilio, il-pjazza prinċipali mimlija ristoranti u cafes, għadd ta' ħwienet żgħar bi prodotti tradizzjonali. Ħin liberu fejn tistgħu żżuru **Isola San Guilio** (boat extra). Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

**It-Tielet Jum**

Eskursjoni mill-iżjed interessanti li se teħodna ġewwa l-**Iżvizzera** fejn se nżuru il-belt ta' **Lugano** – il-belt kapitali tal-canton ta' **Ticino u Ascona** li tinsab **mal-lag Maggiore.** L-ewwel inżuru l-belt ta' Lugano, fejn ser ikollna dawra interessanti mat-tour leader. Hawn niskopru iċ-ċentru storiku, il-Knisja ta' Santa Maria Degli Angeli, mixja matul il-**Lag ta' Lugano** imdawwar bil-muntanji. Ikollna ħin liberu. Immorru Ascona li tinsab fin-naħa ta'fuq ta' Lago Maggiore. Dawra fiċ-ċentru l-qadim, nagħmlu mixja matul it-toroq pittoreski u mimlija b'ristoranti u cafes li twassalna sal-promenade. Ħin liberu u nirritornaw lejn il-hotel.

**Ir-Raba' Jum**

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Como** fejn f'dawra mat-tour leader naraw Piazza Cavour, Piazza Volta, Citta Vecchia, Duomo- maħdum b'irħam abjad bi stil gotiku. Naraw il-famuż Lag ta' Como. Cruise mal-lag ta' Como ser iwassalna ġewwa Bellaggio magħruf bħala 'Pearl of the Lake'. Flimkien mat-tour leader naraw iċ-ċentru tal-belt bil-ħafna toroq sbieħ u promenade mill-isbaħ, ikollna ħin għal xiri ta' souvenirs jew hawn ikollkom ċans li tieklu ikla ħut tajba (extra). Nibdew il-vjaġġ lura tagħna iżda qabel nagħmlu dawra bil-boat ma' **Isola Madre** fejn naslu ġewwa **Stresa.** Nagħmlu dawra mat-tour leader saċ-ċentru ta' din il-belt, ikollna ħin liberu għal shopping. Nirritornaw lura l-hotel.

**Il-Ħames Jum**
Il-ħarġa ta' llum ser teħodna fil-belt ta' **Bergamo**. Il-belt ta' Bergamo tista' titqies bħala żewġt ibliet f'belt waħda - **Città bassa u Città Alta**. Flimkien mat-tour leader niskopru dawn il-bliet imdawra b'fortifikazzjonijiet antiki u mimlija toroq dojoq. Fost oħrajn naraw **Via Sentierone u l-Palazzo di Giustizzia**. Wara nitilgħu bil-funikular (**extra**) biex inżuru **Bergamo Alta** li hi l-isbaħ parti ta' din il-belt u minn hemm naraw **Piazza Vecchia, Palazzo della Ragione, Cappella Colleoni u Battistero**. Aħna u sejrin lura lejn **Arona** nieqfu fi stabbiliment għax-shopping ' Arese' Nirritornaw lura l-hotel.

**Is- Sitt Jum**
Skopri magħna l-ġmiel ta' Macugnaga fi vjaġġ mill-aktar spettakolari fejn ngħaddu mill-wied t'**Anzasca** li hu mdawwar bil-muntanji. **Macugnaga** li jinsab taħt il-muntanja **Monte Rosa** hu villaġġ tradizzjonali, stil tal-Alpi. Minn hemm naqbdu chairlift **(extra)** biex nitilgħu fuq **Monte Rosa** fejn naraw veduti pittoreski **tal-Alpi u l-glaċieri**. Esperjenza unika li ma tinsieha qatt! Ċena u ħarġa mal-leader.

**Is-Seba'Jum**
Illum eskursjoni biex inżuru l-gżejjer **Borromean**. Nitilqu lejn **Stresa** mnejn naqbdu d-dgħajsa biex inżuru l-gżejjer (prezz tad-dgħajsa u dħul hu ta' madwar €35). L-ewwel immorru **Isola Bella** fejn inżuru palazz rinaxximentali tal-familja aristokratika **Borromean u l-ġnien botaniku, Salone d'Onore, Sala Delle Colonne, Sala della Musica, Galleria degl'Arazzi, Grotti Artificiale**. Dan il-palazz majestuż mibni fuq stil gotiku hu mżejjen bi ġnien mill-isbaħ. Issa jmiss li nżuru **Isola dei Pescatori** - gżira medjevali b'ħafna toroq dojoq u veduti mill-isbaħ. Ħin liberu għal xiri tas-souvenirs. Wara jkollna transfer lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM627 li titlaq minn Milan fl-20.45 u tasal lura Malta fil-22.45.

**Prezz kull Persuna**
**Eskursjonijiet, Half Board u taxxi mħallsa**

| | **Prezz Normali** | **Prezz Skontat** |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1'110 | €1'060 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1'120 | €1'050 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1'300 | €1'250 |
| Tfal sa 11- il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €1'000 | €950 |

City Tax mhux inkluża

**Prezz jinkludi**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Linate
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli - Hotel Concorde Arona 4 Star, fiċ-ċentru
- Breakfast Buffet kontinentali
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection